MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## ABIGAIL LOFARO

Seduta tat-28 ta' Jannar, 2010

Citazzjoni Numru. 759/1995/2

**Dr Toni Abela ghan-nom u in rapprezentanza tas-Socjeta' Kummercjali Spiteri Tiles Ltd**

**vs**

**Joseph Camilleri**

Il-Qorti:

Rat ic-citazzjoni ippresentata mill-attur nomine fit-8 ta' Gunju, 1995, li *in forza* taghha, wara li ppremetta :

Illi l-konvenut ghandu jhallas lill-attur nomine is-somma ta' hames mija u hmistax-il lira Maltija (LM515) rapprezentanti prezz ta' rham mixtri minghand l-attur nomine;

Illi l-konvenut debitament mitlub jghaddi ghall-hlas baqa' inadempjenti;

Illi dan l-ammont huwa cert, likwidu u dovut;

Talab ghalhekk li l-konvenut ighid ghaliex din il-Qorti m'ghandhiex ghar-ragunijiet fuq imsemmija :

1. tghaddi biex taqta' u tiddeciedi l-kawza bid-dispensa tas-smiegh ai termini ta' l-artikolu 167 et sequens tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta' Malta; u
2. sussegwentement tikkundannah ihallas lill-attur is-somma ta' LM515.00 bl-imghaxijiet kummercjali skond il-ligi;

Bl-ispejjez u bil-konvenut minn issa ngunt ghas-subizzjoni;

Rat id-dikjarazzjoni u il-lista tax-xhieda ta' l-attur nomine;

Rat in-nota ta' l-eccezzjonijiet tal-konvenut Joseph Camilleri, li *in forza* taghha huwa eccepixxa :

1. Illi l-ammont reklamat mill-attur nomine mhuwiex dovut jew mhuwiex dovut kollu;
2. Illi inoltre mill-prezz iridu jitnaqsu spejjez zejda inkorsi mill-eccepjent jew imhalsa minnu ghal, jew bi htija, ta' l-attur nomine.

Rat il-kontro-talba imsressqa mill-konvenut kontestwalment man-nota tal-eccezzjonijiet tieghu li in forza taghha, wara li ppremetta:

Illi l-eccepjent konvenut qed jipprevalixxi ruhu minn din il-kawza u in linea ta' rikonvenzjoni jaghmel kontro-talba u ghalhekk premessi d-dikjarazzjonijiet necessarji u moghtija l-provvedimenti opportuni.

Illi l-konvenut xtara minghand l-attur nomine il-madum ta' l-art u l-irham tat-tarag tal-post tieghu fiz-Zurrieq.

Illi wara li l-eccepjent kien ilu zmien li pogga l-madum meta beda jghorku hargu difetti serji fil-kulur u fiz-zrara ta' l-istess madum.

Illi dawn id-difetti huma ta' tali entita' li jammontaw ghall-vizzju reibitorju, u li tant inaqqsu l-valur tal-madum illi kieku l-konvenut ma kienx jixtrih, jew kien joffri prezz izghar li kieku kien jaf bihom.

Illi in vista tal-fatt li l-konvenut u l-familja tieghu issa qed jabitaw fil-post ma jixtiequx jergghu jaqilghu l-art, izda l-prezz tal-madum ghandu jigi ridott billi tigi mnaqqsa parti mill-prezz li tigi stabbilita minn din il-Qorti bl-opera ta' perit nominadi, biex dan it-tnaqqis jaghmel tajjeb ghad-difetti latenti ezistenti fl-istess fond.

Illi inoltre anke l-irham tat-tarag wara li kien tpogga nofsu, irrizulta li kien gie maqtugh hazin mis-socjeta' attrici.

Illi l-istess socjeta' attrici qablet u fil-fatt bidlet l-irham tat-tarag inkluz dak ga mwahhal.

Illi minkejja dan anke fir-rigward ta' l-irham tat-tarag, il-konvenut inkorra spejjez u hlasijiet zejda li ghalihom trid taghmel tajjeb is-socjeta' attrici.

Talab ghalhekk lill-attur nomine ighid ghaliex din il-Qorti m'ghandhiex :

1. tiddikjara li d-difetti fit-madum mixtri minghand is-socjeta' attrici kif fuq spjegat, jammonta ghal vizzju redibitorju, u illi kieku l-konvenut kien jaf bihom kien joffri prezz izghar minn dak miftiehem.
2. tillikwida dik il-parti mill-prezz bhala ekwivalenti ghad-difetti riskontrati fl-istess madum.
3. tillikwida l-ispejjez kollha inkorsi mill-konvenut biex rega' nqala' u nbidel l-irham tat-tarag, inkluz il-materjal extra.
4. tikkundanna lill-attur jirrifondi lill-konvenut dik il-parti mill-prezz likwidata skond it-tieni talba u li jhalsu l-ammont likwidat taht it-tielet talba.

Rat id-dikjarazzjoni u il-lista tax-xhieda tal-konvenut rikonvenzjonant;

Rat in-nota ta’ l-eccezzjonijiet tal-attur nomine rikonvenzjonat li in forza taghha eccepixxa :

1. Illi fl-ewwel lok in-nullita, tac-citazzjoni stante Ii ma johrogx car mill-kawzali u t-talbiet jekk il-konvenut rikonvenzjonant hux jezercita l-azzjoni ai termini ta' l-artikolu 1390 jew 1431 tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta u ghalhekk l-attur rikonvenzjonat ghandu jigi lliberat mill-osservanza tal-gudizzju.
2. Illi subordinatament u minghajr ebda pregudizzju, jekk jigi stabbilit Ii qeghda tigi ezercitata l-azzjoni redibitorja kif taghti x'tifhem ic-citazzjoni, allura l-azzjoni m'ghadhiex aktar sostenibbli fil-ligi peress Ii hija perenta ai termini ta'l-artikolu 1431 tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta.
3. Illl fi kwalunkwe kaz, ix-xoghol u materjal imsemmi mhux minnu Ii kien effett minn vizzju redibitorju u di piu' sar skond l-arti u s-sengha.
4. Salvi eccezzjonijiet ohra.

Rat id-dikjarazzjoni u il-lista tax-xhieda tal-konvenut rikonvenzjonat;

Rat id-digriet taghha tal-25 ta’ Marzu 1996 li permezz tieghu hatret lil Perit Rene Buttigieg bhala perit tekniku bis-soliti fakultajiet inkluz li jisma x-xhieda bil-gurament;

Rat in-nota konguntiva tal-partijiet tal-5 ta’ Dicembru 2002 li permezz taghha iddikjaraw li l-valur tat-tieni u t-tielet talba fil-kontro-talba flimkien ma jeccedux il-tlett mitt lira Maltin (LM300).

Rat illi, peress illi l-partijiet kienu ser jittransigu l-kawza, il-perit tekniku irritorna l-inkartament tax-xhieda illi sema lill-Qorti;

Rat illi peress illi l-partijiet infurmaw lill-Qorti illi t-transazzjoni ma sehhitx il-Qorti, permezz ta’ digriet tas-7 ta’ Marzu, 2007 hatret lil Perit Joseph Ellul Vincenti bhala perit tekniku bis-soliti fakultajiet inkluz illi jisma x-xhieda bil-gurament;

Rat ir-rapportipprezentat u mahluf mill-Perit Tekniku Joseph Ellul Vincenti waqt is-seduta tal-21 ta' Novembru, 2007.

Rat il-kummenti illi ghamel il-Perit Tekniku fir-rapport tieghu.

Rat ukoll il-konkluzjoni illi ghaliha wasal l-imsemmi perit tekniku.

Rat illi waqt is-seduta tas-7 ta' Ottubru, 2009 dehru l-avukati difensuri tal-partijiet illi infurmaw lill-Qorti illi ma kellhomx aktar provi xi jressqu u li ma kellhomx bzonn jittrattaw il-kawza.

Rat illi l-kawza thalliet ghallum ghas-sentenza.

Rat illi minkejja li l-partijiet inghataw il-fakulta, huma ma ipprezentawx nota ta' sottomissjonijiet.

Rat illi ma saret l-ebda kritika jew eskussjoni tar-rapport tal-perit tekniku mahtur mill-Qorti u ma saret l-ebda talba mill-partijiet ghall-hatra ta' periti perizjuri.

Ikkunsidrat :

Illi il-Perit Tekniku Joseph Ellul Vincenti ghamel is-segwenti kummenti fir-rapport tieghu :

"Illi jirrizulta mill-provi li inghataw illi l-attur l-ewwel issuplixxa lill-konvenut bil-madum tal-art tar-resin ghal isfel tad-dar u bil-musajk ghas-sular ta' fuq. Ix-xoghol ta' tqeghid sar mill-konvenut stess u ghalhekk din il-kawza hi limitata biss ghall-provvista ta' madum u mhux ghat-tqeghid tieghu.

Illi jirrizulta li meta il-madum resin u muzajk gie fornut, il-konvenut sab xi tiles miksurin u ohrajn difettuzi u dawn hadhom lura ghand l-attur u bidilhom u ghalhekk setgha u fil-fatt hallas lill-attur dik is-somma dovuta.

Illi irrizulta, imma, li meta l-konvenut ghorok u ippolixja l-madum tas-sular ta' fuq, harget differenza fit-tonalita tal-madum u dan fis-sular kollu.

Illi issa gara li xi erba' xhur wara illi hallas il-kont tal-madum lill-attur, il-konvenut ordna l-irham ghat-tarag minn isfel sa fuq ta' l-istess dar. Hawn ukoll l-attur ipprovda biss il-materjal u x-xoghol ta' tqeghid sar minn terzi.

Illi irrizulta li wara gurnata xoghol tal-marmista li kien qed ipoggi l-irham tat-tarag, ix-xoghol ma kienx gej kif xtaq il-konvenut u ghalhekk saru xi tibdiliet u x-xoghol tal-irham tkompla u l-konvenut ikkonferma waqt l-access li hu kuntent bl-irham u bix-xoghol ta' tarag pero' ma kienx lest li jhallas ghal gurnata xoghol tal-marmista.

Illi rigward il-madum tar-resin, il-konvenut qal li hu kuntent bir-rizultat u ma ghandu ebda ilment.

Illi rigward il-madum muzajk fis-sular ta' fuq jidher bic-car li l-madum ma kienx kollu mill-istess tahlita u ghalhekk kien hemm differenza zghira fit-tonalita tal-maduma. Dan id-difett tinduna bih wara li jsir l-orik u wara li l-musajk jigi illustrat kif fil-fatt gara.

Illi meta l-konvenut induna b'dan id-difett hu ha opportunita mill-fatt li kellu jaghti xi flus lill-attur bhala hlas tal-irham tat-tarag u ma hallsux il-bilanc tant li l-attur ghandu jiehu minghand il-konvenut is-somma ta' LM515 liri Maltin.

Illi l-attur jghid li dawn kienu zewg kuntratti separati u ghalhekk il-konvenut ma kienx korrett li jhallat wahda ma l-ohra. Il-provvista ta' resin u musajk kien kuntratt ghalih u l-provvista ta' irham ghat-tarag kien kuntratt ghalih, b'erbgha xhur bejn il-kuntratti. Dan hu punt legali u l-Perit Tekniku mhux sejjer jidhol fih.

Illi rigward il-madum tar-resin, il-konvenut iddikjara li hu kuntent bir-rizultat. Jghid ukoll illi l-irham tat-tarag hu skond kif ordna u xtaq hu u ghalhekk m'ghandu ebda ilment hlief ghal gurnata xoghol u materjal li ntuza waqt

dik l-ewwel gurnata. Il-Perit Tekniku hu ta' l-opinjoni li gurnata xoghol ta' marmista u l-ftit materjal li setgha uza m'ghandhomx jaqbzu il-hamsin lira Maltin (LM50).

Illi rigward il-madum musajk fis-sular ta' fuq, il-Perit Tekniku jikkonferma li dan hu ta' tonalita mhallta u ghalhekk mhux skond is-sengha u l-arti.

Illi jirrizulta ukoll illi l-konvenut peress li qed jabita f'din id-dar mhux lest li jaqla l-madum u jerga jqieghed iehor ta' kwalita tajba u ghalhekk lest li jaccetta discount.

Illi peress li d-dokumenti GS1 sa GS9 ma gews ritornati mill-perit tekniku precedenti, il-Perit Rene Buttigieg, il-Perit Tekniku ma setghax jifissa percentagg fuq il-cost tal-musajk u wasal ghal figura arbitrarja billi iffissa valur tad-diprezzentant tal-madum fis-somma ta' mitejn u erbghin lira Maltin (LM240)

Konkluzjoni :

Illi wara li ha dan kollu in konsiderazzjoni, cioe' li l-bilanc mitlub mill-attur hu ta' LM515 u wara li tnaqqas is-somma ta' LM50 ghal gurnata xoghol tal-marmista u wara li tnaqqas is-somma ta' LM240 bhala diprezzentant fil-madum minhabba it-tonalita differenti fil-madum, jirrizulta illi l-bilanc dovut mill-konvenut Joseph Camilleri lill-attur Dr Thomas Abela hu biss ta' mitejn u hamsa u ghoxrin lira Maltin."

Ikkunsidrat :

Illi l-Qorti peress illi taqbel mal-konkluzjonijiet illi ghalihom wasal il-perit tekniku minnha innominat, qeghda taddotta l-imsemmi rapport tieghu u taghmlu bhala taghha.

Ghaldaqstant, ghar-ragunijiet kollha fuq imsemmija, il-Qorti qeghda taqta u tiddeciedi din il-kawza billi filwaqt illi tilqa l-eccezzjoni in parte tal-konvenut u tilqa wkoll it-talba attrici in parte u filwaqt ukoll illi tilqa in parte, u filwaqt ukoll illi tilqa in parte it-talbiet tal-konvenut rikonvenzjonant izda tichad l-eccezzjonijiet tal-attur nomine rikonvenzjonat,

tiddikjara illi l-bilanc mitlub lill-attur huwa ta’ elf u mitejn ewro u sitta u erbghin centezmu (€1,200.46) u wara li titnaqqas is-somma ta’ mija u sittax il-ewro u hamsa u hamsin centezmu (€116.55), rapprezentanti gurnata xoghol ta’ marmista u wara titnaqqas ukoll is-somma ta’ hames mija disa u hamsin ewro u erbgha u erghin centezmu (€595.44), rapprezentanti deprezzament fil-madum, minhabba it-tonalita differenti fl-istess madum, jirrizulta li l-bilanc dovut mill-konvenut lill-attur huwa ta’ hames mija erba’ u ghoxrin ewro u sebgha u erbghin centezmu (€524.47), u ghaldaqstant tikkundanna lill-konvenut Joseph Camilleri ihallas lill-attur Dr Toni Abela nomine is-somma imsemmija ta’ hames mija erba’ u ghoxrin ewro u sebgha u erbghin centezmu (€524.47). Il-Qorti tordna illi f’dan il-kaz kull parti ghandha tbaghti l-ispejjez taghha.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------